MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 110/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Allan Magro**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Allan Magro talli f'Marzu 2009, u fix-xhur ta' wara, f'Nru. 25, Triq Mons Alfred Mifsud, Birkirkara:

(1) ghamel jew halla li jsir zvilupp konsistenti fi bdil ta' uzu ta' garage ghall-uzu privat ghal post fejn qed isir xoghol ta' hasil, tindif u *valeting* ta' karozzi minghajr permess ta' zvilupp bi ksur ta' l-artikolu 56(1) ta' l-Att I ta' l-1992 (Kap. 356); u

(2) wara li kien notifikat bl-avviz ECF 508/2009 datat 24 ta' Marzu 2009, mahrug kontrih taht l-artikoli 51 u 52 ta' l-Att ta' l-1992 (Kap. 356) notifikat lilu fil-11 ta' April 2009, naqas li jhares ir-rekwiziti ta' l-imsemmi avviz li jieqaf mill-bdil ta' uzu llegali ta' l-imsemmi garage stante li fis-27 ta' Frar 2010 u fit-3 u 6 ta' Mejju u fi drabi ohra l-bdil ta' uzu llegali ta' l-imsemmi garage kien baqa' jsir bi ksur ta' l-artikolu 56(1)(c) ta' l-Att I ta' l-1992.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provvedimenti fl-artikolu 56(1) Att I ta' 1992 u artikolu 56(2) ta' l-istess Att;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 56(1)(a) u (c) u (4) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Allan Magro hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih u a rigward l-ewwel (1) imputazzjoni kkundannatu multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) u a rigward it-tieni (2) imputazzjoni kkundannatu hames (5) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gew sospizi ghal sentejn (2);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Allan Magro pprezentat fit-2 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah minnhom;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li huwa minnu li nhareg *enforcement notice* izda dan gie notifikat lilu fit-8 ta' April 2009 u ghalhekk "is-sejba ta' vettura li kienet qieghda tinhasel fl-24 ta' Marzu 2009 mhix soggetta ghall-*enforcement notice*" u konsegwentement il-pieni fir-rigward ta' dan l-incident mhumiex applikabbli; (2) li l-artikoli 51 u 52 tal-Kap. 356 thassru bis-sahha ta' l-Avviz Legali 512 tas-sena 2010 li gie *in vigore* fit-30 ta'

Novembru 2010, u ghalhekk ma setax jinstab hati taht l-imsemmijin artikoli (*nullum crimen sine lege*). L-artikolu 56(1)(c) jaghmel referenza specifika ghall-artikolu 52 u l-piena konsegwenzjali u ghalhekk stante li dan l-artikolu thassar ma tista' tinghata ebda piena; (3) li, fil-mertu, mix-xiehda ta' Anthony Baldacchino jirrizulta li kien qieghed jaghmel l-ghassa vicin il-garaxx ta' l-appellant ghal madwar sitt xhur xi tliet darbiet fil-gimgha u ghal tliet sieghat kull darba, u nonostante din l-ghassa esagerata u sproporzjonata, allegatament instabet vettura li hasbu li kienet mahsula ghax l-art kienet imxarrba. Il-prosekuzzjoni, pero`, naqset milli ggib l-ahjar prova, u cioe` sid il-vettura biex jghid x'kienet qed taghmel hemm il-vettura tieghu; (4) li meta l-MEPA ghamlet *direct action*, sabu xi tabelli gewwa l-garaxx u mhux barra t-triq u inoltre l-garaxx kien maghluq, li juri li l-garaxx ma kienx qieghed jintuza; (5) li ngabet fotokopja ta' reklam fuq is-servizzi tieghu, liema dokument ghandu jigi sfilzat ghax messu ngab l-editur tal-gurnal sabiex jipprezenta l-gurnal u kellha ssir prova ta' meta sar il-*booking* ta' dan il-gurnal peress illi *bookings* isiru xhur qabel. Ghalhekk ma saritx l-ahjar prova u prova lil hin minn kull dubju ragjonevoli.

**6.** B'referenza ghat-tieni aggravju, l-Avviz Legali 512 tas-sena 2010 stabilixxa t-30 ta' Novembru 2010 bhala d-data meta l-artikolu 51 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jithassar, u l-31 ta' Dicembru 2010 bhala d-data meta kellu jithassar l-artikolu 52. Dan ifisser illi meta nhargu l-imputazzjonijiet odjerni kontra l-appellant, dawk l-artikoli kienu ghadhom vigenti. Issa, skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 97 tal-Kap. 504 (l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Izvilupp)[1]:

**"Kull licenza, permess, awtorità, ordni, avviz jew certifikat, jew kull prosekuzzjoni jew akkuza mogħtija jew magħmula jew mizmuma fis-seħħ taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp jew l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u li jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel id-data li fiha**

[1] Dan l-artikolu dahal fis-sehh fit-30 ta' Novembru 2010 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 511 tas-sena 2010.

**jidħol fis-seħħ dan l-Att, għandhom minn dik id-data jibqgħu fis-seħħ bħallikieku kienu licenza, permess, awtorità, ordni, avviz jew certifikat, jew prosekuzzjoni jew akkuza mogħtija jew magħmula taħt dispozizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att, u kull licenza, permess, awtorità, ordni, avviz jew certifikat, jew prosekuzzjoni jew akkuza bħal dawk hawn aktar qabel imsemmija għandhom jigu trattati u jsir minnhom skond hekk".**

Konsegwentement l-imsemmijin artikoli 51 u 52 tal-Kap. 356 kienu u ghadhom applikabbli ghall-kaz odjern, u ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud.

**7.** L-aggravji l-ohra jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-appellant gie akkuzat illi ghamel jew halla li jsir bdil ta' uzu ta' *garage* minghajr permess ta' zvilupp, u dan "f'Marzu 2009 u fix-xhur ta' wara". Imbaghad permezz tat-tieni imputazzjoni gie akkuzat illi wara li gie notifikat b'*enforcement notice* fil-11 ta' April 2009, il-bdil ta' uzu baqa' jsir. L-ewwel reat huwa dak kontemplat fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 56 tal-Kap. 356 filwaqt illi it-tieni reat huwa dak kontemplat fil-paragrafu (c) tas-suabrtikolu (1) ta' l-artikolu 56 tal-Kap. 356. Evidentement, u dan qieghed jinghad ghall-finijiet ta' l-ewwel aggravju, jekk sehh xi nuqqas qabel il-11 ta' April 2009, dak in-nuqqas ma jgibx il-ksur tar-reat kontemplat fl-imsemmi paragrafu (c) izda fl-imsemmi paragrafu (a).

**8.** Mill-provi jirrizulta illi l-appellant kien applika mal-MEPA fis-17 ta' Jannar 2007 sabiex fil-*garage* in kwistjoni jkun hemm *"partial change of use from garage for private cars to valeting of private cars"*. L-applikazzjoni tieghu giet rifjutata mill-MEPA fit-23 ta' Mejju 2007 u t-talba tieghu ghal rikonsiderazzjoni rifjutata fis-16 ta' Settembru 2008. Fl-24 ta' Marzu 2009 il-MEPA harget avviz biex jieqaf u ta' twettiq minhabba li kkunsidrat li l-appellant kellu "zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fi bdil tal-uzu minn garage ghal uzu privat ghal post fejn qed isir xoghol ta' hasil, tindif u 'valeting' ta' karozzi."

**9.** Mix-xiehda ta’ Anthony Baldacchino, *enforcement officer* mal-MEPA, jirrizulta illi wara ilment li dahal fit-30 ta’ Settembru 2008 huwa beda jimmoniterja dak li kien qieghed jigri. Darba sabu qed jahsel karozza li fuqha kellha l-marka “Sonic” (l-appellant huwa in effetti *auto-dealer* li jopera taht l-isem “Sonic Auto Dealer” f’42 Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara) u x-xhud wissa lill-appellant li ma setax jahsel karozzi. Baqa’ jghaddi minn fejn il-*garage* in kwistjoni izda kull ma osserva f’xi okkazjonijiet kien ilma fl-art. Fl-24 ta’ Marzu 2009, pero`, sab karozza GVN-430 li kienet qed tinhasel minn zaghzugh. Kien hemm missier l-appellant u meta x-xhud kellmu, missier l-appellant wiegbu: “Halluna ghax it-tifel dejn ghandu.” Gie l-appellant fuq il-post, qallu li ma jistax jahsel karozzi, u l-appellant qallu: “Id-dejn tieghi min ha jhallasuli?”. Il-karozza li sab ix-xhud qed tinhasel tidher fir-ritratt Dok. AB1 a fol. 6. Ir-ritratt a fol. 7 juri l-*garage* bil-karozza gewwa u taht il-gallarija kartellun bil-kliem CAR WASH u bi vlegga li tipponta ’l gewwa. Ir-ritratt a fol. 8 juri *close-up* tal-kartellun. Dakinhar stess ix-xhud hareg l-avviz biex jieqaf u ta’ twettiq. Minhabba li baqghu jidhlu lmenti, baqa’ jimmoniterja u fl-10 ta’ Dicembru 2009 sabu jahsel Mercedes bi pjanci TRIAL RUN. Din tidher fir-ritratt a fol. 18 u fl-istess ritratt jidher l-appellant. Dakinhar ghadda l-*file* biex tittiehed *direct action*. Imbaghad fis-6 ta’ Mejju 2010 sab lill-appellant jahsel karozza ohra bin-numru XXX-512.

**10.** Vincent Grech, *senior enforcement officer* mal-MEPA, xehed illi huwa jaf li kien hemm *enforcement notice* fuq is-sit in kwistjoni. Fid-9 ta’ Jannar 2010 ircevew rapport li kien qieghed isir xi hasil ta’ karozzi izda meta marru fuq il-post il-*garage* kien maghluq. Fis-27 ta’ Frar 2010 regghu rcevew rapport iehor u din id-darba l-*garage* kien miftuh u kien hemm karozza Mitsubishi STE-002 ftit ’il gewwa, l-art imxarrba u t-tapiti mitfughin ma’ l-art. Lill-guvnott li kien hemm qallu li kien hemm *enforcement notice* u li kellu jaghlaq il-*garage*, kif fil-fatt gara. Ix-xhud ha ritratt tal-karozza (ara fol. 32) u tal-*garage* meta nghalaq (ara fol. 33). F’dan ir-ritratt, fuq il-bieb tal-*garage* jidher irreklamat *“Car care centre”*, il-hinijiet ta’ ftuh u *“Car Wash with a*

*difference"*. Barra minn hekk il-kartellun bil-kliem CAR WASH u vlegga jidher ghadu f'postu.

**11.** Imbaghad mix-xiehda ta' Brian Farrugia, *legal officer* fl-Awtorita` tat-Trasport, jirrizulta li l-vetturi msemmijin mix-xhieda ma jappartjenux lill-appellant.

**12.** L-appellant jilmenta mill-fatt illi Anthony Baldacchino ghamel ghassa esagerata mal-*garage* in kwistjoni u kull ma nstabet karozza wahda u l-MEPA hasbu li kienet mahsula ghax l-art kienet imxarrba. Jghid illi l-prosekuzzjoni jmissha tellghet lil sid il-vettura sabiex jghid x'kienet qieghda taghmel fil-*garage* ta' l-appellant il-karozza tieghu. Kwantu ghall-ghassa li ghamel Anthony Baldacchino, dan kien fil-mansjonijiet tieghu bhala *enforcement officer* u a bazi ta' rapporti li kienu dehlin ghand il-MEPA. Mix-xiehda tieghu rrizulta li l-karozza GVN-430 kienet qed tinhasel. Fis-27 ta' Frar 2010 kien Vincent Grech li sab karozza STE-002 bl-art imxarrba u bit-tapiti mitfughin fl-art. L-art imxarrba u t-tapiti fl-art huma certament provi cirkostanzjali li huma msahha bir-reklam imwahal mal-bieb tal-*garage* u bil-kartellun CAR WASH. Ghalhekk il-prosekuzzjoni ma kienx jehtigilha ttella' lil sid il-karozza biex jixhed. Kieku ried l-appellant seta' tellghu *in difesa*.

**13.** L-appellant jghid li meta l-MEPA ghamlu d-*direct action* kien hemm tabelli gewwa u mhux barra t-triq u inoltre dakinhar il-*garage* kien maghluq. Charles Debattista, *senior enforcement officer* mal-MEPA, xehed illi saru zewg *direct actions*. L-ewwel wahda kienet fl-4 ta' Dicembru 2010. Dakinhar l-appellant u missieru ghattew it-tabella li kien hemm imwahhla mal-bieb, kif jidher fir-ritratt CD1 a fol. 23. Inqalghu wkoll tabelli li jidhru fir-ritratti CD2 sa CD7. It-tabella li tidher fir-ritratti CD3 u CD5 kienet imwahhla mal-koxxa tal-bieb fuq in-naha tal-lemin. Ir-reklami fuq il-bieb u mal-koxxa tal-bieb evidentement kienu fuq barra u mhux gewwa l-*garage*. Jigifieri l-appellant kellu tabelli sew fuq barra kif ukoll fuq gewwa. It-tieni *direct action* saret fit-3 ta' Mejju 2010 u dakinhar, skond ix-xhud Charles Debattista, gew elevati diversi oggetti relatati mal-hasil u *valeting* ta' karozzi (Dok. CD8 u

Dok. CD9). Inoltre gie nnotat illi t-tabella mal-bieb tal-*garage* kienet mikxufa. Ghalhekk din id-darba tqaxxret minn mal-bieb bhala parti mid-*direct action*.

**14.** Minn dan kollu din il-Qorti hija sodisfatta, bhalma del resto kienet l-ewwel Qorti, illi l-appellant kien beda juza l-*garage* f’25 Triq Mons. Alfred Vella, Birkirkara bhala *car care centre* ghat-tindif, hasil u *valeting* tal-karozzi minghajr ma kien ottjena l-permess mehtieg minghand il-MEPA. Sahansitra kompla joffri dan is-servizz wara l-hrug u notifika lilu ta’ l-avviz ta’ waqfien u twettiq. Is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar x’setghu kienu qeghdin jaghmlu fil-*garage* l-karozzi li nstabu mill-*enforcement officers* mhumiex sufficjenti biex jippruvaw *on a balance of probability* li seta’ kien hemm spjegazzjoni innocenti ghall-prezenza taghhom. Huma biss kongetturi. Mill-banda l-ohra l-assjem tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u li ghalihom din il-Qorti ghamlet referenza, jassodaw *beyond reasonable doubt* it-tezi tal-prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti l-anqas ghandha ghalfejn taghmel xi konsiderazzjonijiet dwar ir-reklam Dok. AB11 a fol. 17.

**15.** Kwantu ghall-piena, skond l-artikolu 56 tal-Kap. 356, min jinsab hati ta’ reat kontra l-Att jehel multa ta’ mhux anqas minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux aktar minn mija u sittax-il elf u erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67), u dwar reat taht il-paragrafu (d) jew, f’kaz ta’ reat taht il-paragrafu (c), jekk ir-reat ikompli ghal aktar minn tliet xhur, ukoll ghal prigunerija ghal zmien ta’ mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin. Jigifieri kemm ghal dik li hija l-multa kif ukoll ghal dik li hija prigunerija, il-*quantum* f’kull kaz huwa vicin il-minimu. Irid jigi osservat illi ghal dik li hija t-tieni imputazzjoni l-piena hija dik tal-multa flimkien ma’ dik tal-prigunerija. Ghalhekk lanqas multa li setghet tigi nflitta (bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) kellha tkun ta’ €1747.04. Konsegwentement ma hemm lok ta’ ebda temperament fil-piena.

**16.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri millum. Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------